# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 1131/14/1 LM**

**Orazio *sive* Grezzju Azzopardi**

**v.**

**Anthony Azzopardi**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell ta' Orazio *sive* Grezzju Azzopardi, kif ukoll appell inċidentali mressaq minn Anthony Azzopardi, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Frar, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata");

2. Il-ġrajjiet ewlenin li wasslu għal din it-tilwima huma dawn;

3. B'rikors maħluf imressaq fit-12 ta' Diċembru, 2014, Orazio Azzopardi, li huwa bidwi u negozjant tal-bejgħ tal-fjuri, fisser li huwa l-proprjetarju ta' għadd ta' għodod, makkinarju u aġġeġġi oħra, li huma fil-pussess ta' ibnu Anthony Azzopardi. Jgħid li għalkemm huwa talab lil ibnu sabiex iroddlu lura dawn l-oġġetti, u dan anke b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Jannar, 2014, ibnu baqa' m'għamel xejn minn dak mitlub. Filwaqt li jispjega li dan kollu wasslu biex ġarrab id-danni, jgħid li fiċ-ċirkustanzi huwa ma fadallu l-ebda għażla oħra għajr li jibda dawn il-proċeduri u jitlob lill-Qorti sabiex: -

(a) *"prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat qiegħed, kontra r-rieda tar-rikorrent, iżomm fil-pussess tiegħu u possibilment anke juża diversi oġġetti proprjetà tar-rikorrent fosthom għodod, makkinarju u aġġeġġi agrikoli, pompi sommerġibbli, pajpijiet tat-tisqija, pearl lights, żigarelli, switch board, lampi, tubi, pressure pipes, bozoz u oġġetti oħra kif aktar 'il fuq deskritti;*

(b) *tikkundanna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentroju li jiġu lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jirritorna lir-rikorrent dawn il-makkinarju, għodod, aġġeġġi agrikoli u affarijiet oħra li jinsabu fil-pussess tiegħu;*

(c) *tiddikjara illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrent dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni għall-pussess u użu illegali u bla titolu ta' dan il-makkinarju, għodod u/jew oġġetti oħra da parti tal-intimat;*

(d) *tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi; u*

(e) *tikkundanna lill-intimat għall-ħlas tad-danni kif likwidati lir-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti, bl-imgħax legali u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni".*

4. Bi tweġiba maħlufa mressqa fis-26 ta' Jannar, 2015, il-konvenut Anthony Azzopardi, wieġeb għat-talbiet ta' missieru billi qal li dan għandu l-ewwel u qabel kollox, iressaq prova tal-jedd li jgawdi fuq l-oġġetti li ġew imsemmija minnu fir-rikors promotur. Bla ħsara għal dan, jistqarr li huwa m'għandu l-ebda oġġezzjoni li missieru jieħu dawk l-oġġetti li huma proprjetà esklussiva tiegħu, u dan sakemm l-istess missieru jroddlu lura dak il-makkinarju u l-oġġetti kollha li huma tiegħu u li jgħid li qed jinżammu bla jedd minn missieru. Jinsisti però li huwa għandu l-jedd li jżomm l-oġġetti proprjetà ta' missieru, u dan sakemm missieru jroddlu lura dawk l-affarjiet tiegħu li qiegħed iżomm mingħajr jedd. Fuq is-saħħa ta' hekk jargumenta li kull ordni ta' ritorn ta' oġġetti miżmuma minnu għandha tkun soġġetta għar-radd lura ta' dawk l-mobbli kollha li huma tiegħu. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-pretensjoni ta' missieru għall-ħlas tad-danni, il-konvenut jistqarr li huwa m'għamel l-ebda użu minn oġġetti li mhumiex proprjetà tiegħu, u għalhekk m'hemm l-ebda danni li ġew imġarrba minn missieru. Għalaq imbagħad billi jgħid li, f'kull każ, jaqa' fuq missieru li jipprova li ġarrab xi dannu, il-qies ta' dak id-dannu, u fl-aħħar mill-aħħar li huwa ħati għal dak l-istess dannu;

5. Anthony Azzopardi ma waqafx hawn u flimkien mat-tweġiba maħlufa tiegħu ressaq kontrotalba li fiha fisser kif huwa wkoll il-propjetarju ta' għadd ta' għodod, makkinarju u oġġetti agrikoli oħra, li huma fil-pussess ta' missieru, u dan mingħajr ma għandu jedd għalihom. Jispjega

li wara li ma baqax jaħdem flimkien ma' missieru, huwa talab lil missieru sabiex iroddlu lura dawk l-oġġetti, l-għodod u l-makkinarju tiegħu, però dan naqas milli jagħmel dak mitlub. Jgħid ukoll li huwa għandu bżonn ta' dawk il-mobbli għax-xogħol tiegħu li qed iwettaq għal rasu, u jilmenta li ġarrab id-danni minħabba l-pussess mingħajr titolu u użu illegali tat-tagħmir tiegħu minn missieru. Fuq is-saħħa ta' hekk, Anthony Azzopardi talab lill-Qorti sabiex:

> (a) *"Tiddikjara li r-rikorrent rikonvenut qiegħed kontra r-rieda tal-esponent rikonvenzjonant* (recte), *iżomm fil-pussess tiegħu u anke jagħmel użu ta' diversi oġġetti proprjetà tal-esponent rikonvenzjonant* (recte) *fosthom għodod, makkinarju u oġġetti agrikoli hawn fuq indikati, u oġġetti oħra proprjetà tal-esponent rikonvenzjonant* (recte);
>
> (b) *Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jirritorna lill-esponent rikonvenzjonant* (recte) *dawn l-għodod, makkinarju u l-oġġetti agrikoli u mobbli oħra li jinsabu fil-pussess tar-rikorrent rikonvenut;*
>
> (c) *Tiddikjara li r-rikorrent rikonvenut għandu jħallas lill-esponent rikonvenzjonant* (recte) *dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni għall-pussess u użu illegali u bla titolu ta' dan il-makkinarju, għodod u oġġetti oħra da parti tar-rikorrent rikonvenut;*
>
> (d) *Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi; u*
>
> (e) *Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenut għall-ħlas tad-danni kif likwidati lill-esponent rikonvenzjonant* (recte).
>
> *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent rikonvenut li qiegħed jiġi minn issa inġunt għas-subizzjoni".*

6. L-attur rikonvenzjonat wieġeb għal dawn it-talbiet billi bi tweġiba maħlufa tat-13 ta' Marzu, 2015, qal li t-tagħmir kollu li ibnu qed jippretendi titolu fuqu nxtara minnu stess, u minħabba f'hekk ċaħad għalkollox li qed iżomm fil-pussess tiegħu xi għodda, makkinarju jew oġġetti oħra li huma

proprjetà ta' ibnu. Ċaħad ukoll li kkawża xi danni lil ibnu, u qal li s-sitwazzjoni kienet proprju bl-invers għaliex kien ibnu li kkawżalu d-dannu;

7. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Frar, 2018, l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima billi għar-raġunijiet hemmhekk imfissra: -

(a) laqgħet l-ewwel talba tal-attur Orazio Azzopardi u dan "*limitatament fir-rigward tal-pompa tal-ħama li ġiet akkwistata mingħand ħut Frans Borg, il-mutur b'rota waħda u ż-żewġ pompi tal-ilma, dik single phase u dik 3 phase, kif ukoll il-pearl lights, żigarelli, switch board, lampi, tubi u pressure pipes, li għandhom jiġu ritornati lill-attur fi żmien tletin (30) ġurnata mill-għoti ta' din is-sentenza*", filwaqt li ċaħdet il-kumplament tat-talbiet tal-attur;

(b) laqgħet parzjalment l-ewwel u t-tieni talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant Anthony Azzopardi u dan billi ordnat lil Orazio Azzopardi sabiex fi żmien tletin (30) ġurnata mid-data tas-sentenza jirritorna lil ibnu dawn l-oġġetti*: "t-tractor bil-gaffa mudell 1358 u l-gaffa bil-mudell 165, il-combined harvester mudell M31, il-baler John Dyer, il-lembut taż-żrigħ tal-qamħ, il-karru tad-demel, is-sikka ta' bi tnejn, ir-reaper ta' 6 piedi, il-geddiesa tal-mudell Kuhn, it-tank tal-bexx bil-liner ta' 400 litru mixtri mingħand Gaetano Caruana Ltd, il-mutur tal-ħart Lombardini u l-mutur tal-ħart tal-petrol, il-mutur tal-ħart Koti-m, id-driller*

*metabo tal-idejn, il-power wash u l-pajpijiet, sprinklers, cocks, fittings u partijiet simili”;* u

(c) Ordnat li kull parti kellha tbati l-ispejjeż tagħha, u dan *“in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ”*;

8. Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ma qablux għalkollox ma’ din is-sentenza u filwaqt li Orazio Azzopardi ressaq rikors tal-appell fis-16 ta’ Marzu, 2018, Anthony Azzopardi ressaq appell inċidentali flimkien mat-tweġiba għall-appell ewlieni, u dan fit-30 ta’ April, 2018;

9. Fl-appell ewlieni, Orazio Azzopardi qiegħed jargumenta li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-fatti, u fuq is-saħħa tar-raġunijiet hemmhekk imfissra qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dan billi:

> *“i. Tikkonfermaha f’dik il-parti fejn hija laqgħet l-ewwel talba tal-attur limitament fir-rigward tal-pompa tal-ħama li ġiet akkwistata mingħand ħut Francis Borg, il-mutur b’rota waħda u ż-żewġ pompi tal-ilma, dik single phase u dik 3 phase, kif ukoll il-pearl lights, żigarelli, switch board, lampi, tubi u pressure pipes;*
>
> *ii. Tirrevokaha u tikkanċellaha f’dik il-parti fejn laqgħet ir-raba’ u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut u ċaħdet il-bqija tat-talbiet tal-attur u minflok tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fl-intier tagħhom filwaqt li tilqa’ t-talbiet kif dedotti;*
>
> *iii. Tirrevokaha u tikkanċellaha f’dik il-parti fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat fir-risposta maħlufa tiegħu għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti u fejn laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant limitament għat-tractor bil-gaffa mudell 1358 u l-gaffa bil-mudell 165, il-combined harvester mudell M31, il-baler John Dyer, il-lembut taż-żrigħ tal-qamħ, il-karru tad-demel,*

*is-sikka ta' bi tnejn, ir-reaper ta' 6 piedi, il-geddiesa tal-mudell Kuhn, it-tank tal-bexx bil-liner ta' 400 litru mixtri mingħand Gaetano Caruana Ltd, il-mutur tal-ħart Lombardini u l-mutur tal-ħart tal-petrol, il-mutur tal-ħart Koti-m, id-driller metabo tal-idejn, il-power wash u l-pajpijiet, sprinklers, cocks, fittings u partijiet simili, u minflok tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijet tal-attur rikonvenzjonat kif dedotti filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant fl-intier tagħhom;*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat".*

10. L-appellat Anthony Azzopardi, filwaqt li talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell ewlieni u dan għar-raġunijiet imfissra minnu fir-risposta għal dak l-appell, fl-appell inċidentali talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata u dan billi:

*"a) Tirriforma s-sentenza mogħtija f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti laqgħet limitatament it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant fir-rigward tat-tractor bil-gaffa mudell 1358 u l-gaffa bil-mudell 165, il-combined harvester mudell M31, il-baler John Dyer, il-lembut taż-żrigħ tal-qamħ, il-karru tad-demel, is-sikka ta' bi tnejn, ir-reaper ta' 6 piedi (Ir-ripper u romblu ta' sitt piedi), il-geddiesa tal-mudell Kuhn, it-tank tal-bexx bil-liner ta' 400 litru mixtri mingħand Gaetano Caruana Ltd, il-mutur tal-ħart Lombardini u l-mutur tal-ħart tal-petrol, il-mutur tal-ħart Koti-m, id-driller metabo tal-idejn, il-power wash u l-pajpijiet, sprinklers, cocks, fittings u partijiet simili, fis-sens illi tilqa' t-talba tal-konvenut rikonvenzjonant ukoll fir-rigward tas-segwenti oġġetti; Daler Massey Ferguson, xafra tal-ħsad modell Kone, il-pompa tal-ħama, it-tank tal-bexx komplut bil-liner ta' 200 litru, lot ta' spare parts, geddiesa tal-mudell Taljan, pompa tal-ilma 2 inch electric single phase, pompa tal-ilma 3 phase";*

*b) Tirriforma s-sentenza mogħtija f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti laqgħet limitament l-ewwel talba tal-attur, u senjament fir-rigward taż-żewġ pompi tal-ilma, dik single phase u dik 3 phase;*

*c) Tirriforma s-sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti datata 26 ta' Frar, 2018 billi tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati mir-rikorrent appellant Orazio Azzopardi".*

11. Bi tweġiba mressqa fit-22 ta' Mejju, 2018, l-attur Orazio Azzopardi fisser kif l-aggravji tal-konvenut rikonvenzjonant mhumiex mistħoqqa u

fuq is-saħħa ta' dawk l-argumenti talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell inċidentali u dan bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

12. Wara li l-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, kif ukoll ħadet qies ta' dak kollu li kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet waqt it-trattazzjoni bil-fomm li nżammet fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2023, il-Qorti hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

13. F'dawn il-proċeduri, il-partijiet, qegħdin jixlu lil xulxin li qed iżommu bosta għodda u makkinarju li jintużaw fix-xogħol tagħhom, mingħajr l-ebda titolu, u dan bi ħsara għalihom. Fuq is-saħħa ta' hekk, iż-żewġ partijiet qed jitolbu lill-Qorti ssib li l-oġġetti msemmija minnhom huma proprjetà esklussiva rispettiva tagħhom, u konsegwentement tordna lill-kontroparti rispettiva sabiex troddilhom lura dak it-tagħmir u l-makkinarju, fi żmien prefiss u flimkien mal-ħlas tad-danni li qed jilmentaw li ġarrbu minħabba ż-żamma llegali ta' dawk il-mobbli proprjetà tagħhom;

14. Wara li l-Ewwel Qorti ma tatx raġun għalkollox lil ebda parti, iż-żewġ partijiet qegħdin issa jappellaw minn dik is-sentenza, u dan kemm permezz ta' appell ewlieni li tressaq mill-attur rikonvenzjonat Orazio

Azzopardi, kif ukoll permezz ta' appell inċidentali li tressaq mill-konvenut rikonvenzjonant Anthony Azzopardi;

15. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ser tkun qed tibda billi l-ewwel tistħarreġ l-ilmenti li tressqu fl-appell ewlieni, biex imbagħad tgħaddi biex tqis l-appell inċidentali;

16. Fl-**appell ewlieni**, Orazio Azzopardi qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament xieraq tal-provi mressqa quddiemha. F'dan ir-rigward, jibda biex jirreferi għall-ġurisprudenza ta' din il-Qorti dwar aggravji ta' din ix-xorta u jissottometti li f'dan il-każ *"jeżistu dawk ir-raġunijiet serji biżżejjed"* li fuq is-saħħa tagħhom din il-Qorti għandha twettaq apprezzament mill-ġdid tal-provi. Filwaqt li jammetti li l-Ewwel Qorti qieset ħafna mill-evidenza li tressqet quddiemha, jilmenta li hekk kif għaddiet għall-konsiderazzjonijiet, l-Ewwel Qorti għażlet li ssejjes il-ġudizzju tagħha fuq numru ta' assunzjonijiet li ma kinux neċessarjament isegwu mill-evidenza, b'dan illi ma ngħatawx raġunijiet xierqa għalfejn ċertu provi ġew meqjusa u oħrajn ġew skartati għalkollox. Wara li jagħmel referenza għall-ġurisprudenza dwar il-grad ta' prova fi proċeduri ta' natura ċivili, jargumenta li mill-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti, huwa rnexxielu jipprova l-pretensjonijiet tiegħu sal-grad mitlub mil-liġi, filwaqt li l-konvenut Anthony Azzopardi naqas milli

jagħmel hekk, u dan sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mat-talbiet rikonvenzjonali;

17. B'mod speċifiku, l-attur imbagħad jirreferi għar-reġistru dwar l-infiq li ġie mressaq minn bintu Marthese Azzopardi, u filwaqt li jargumenta li din tat spjegazzjoni ċara dwar l-oriġini tal-istess, jipprotesta għall-fatt li l-Ewwel Qorti qalet li kienet "moralment konvinta" li dak ir-reġistru kien wieħed "fabbrikat". Jilmenta wkoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li tagħti affidabbiltà kbira lill-verżjoni tal-konvenut, filwaqt li ma tat l-ebda kredibiltà lilu, u dan minkejja li jgħid li ressaq bosta xhieda tal-fatti allegati minnu, filwaqt li l-konvenut ma ressaq prattikament l-ebda xhud sabiex jikkorrobora dak li nghad minnu. F'dan ir-rigward, jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx piż biżżejjed lix-xhieda ta' wliedu u jissottometti li kien matematikament impossibbli għall-konvenut li jixtri dawk l-għodda u l-inġenji kollha li qal li xtara bi flusu. Jilmenta wkoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti tat piż mhux mistħoqq lill-irċevuti li ressaq il-konvenut, u jissottometti li dawn "ma jiswewx bħala prova" għaliex fi kliemu "huwa nkontestat" li kien huwa stess li kien jibgħat lill-konvenut biex imur jixtri u mbagħad kien jagħtih il-flus lura. Jgħid ukoll li l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li huwa naqas milli jressaq xi riċevuti sabiex isaħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu lanqas m'hija siewja, u dan għaliex huwa ma seta' qatt iressaqhom ġaladarba kienu fil-pussess tal-konvenut. Filwaqt li jammetti li hekk kif kien qed jixhed huwa ma kienx kapaċi jiftakar ċertu dettalji, jispjega li dan

ma sarx għar-raġunijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti, u ċjoè għax kien evażiv, imma għaliex huwa bniedem ta' età avvanzata u għalhekk "huwa naturali li ma jkunx f'qagħda li jwieġeb għal kull dettal mistoqsi lilu". Jagħlaq imbagħad billi jargumenta li mhuwa minnu xejn li ma kienx kapaċi jagħraf l-oġġetti li kienu proprjetà tiegħu u li qed jippretendi lura f'dawn il-proċeduri, u f'dan ir-rigward jirreferi għal-lista li ġiet imressqa minnu f'dokumenti 'GA1, GA2 u GA3', li jgħid li kkonferma kemm-il darba;

18. Ikkonsidrat li l-qofol tal-appell ewlieni jistrieħ sewwasew fuq il-kritika tal-proċess ta' apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti, il-Qorti tqis li qabel xejn għandha titlaq billi tosserva li għalkemm l-attur qiegħed jgħid sewwa li din il-Qorti hija mogħnija b'kull setgħa li tinterpreta l-fatti b'mod differenti minn kif tkun fehmithom l-Ewwel Qorti, u li fuq kollox għandha d-dmir li twettaq apprezzament awtonomu tal-fatti, fl-istess waqt, ma jistax jintesa li din il-Qorti m'għandhiex tissostitwixxi l-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti b'mod laxk, u dan speċjalment fejn tidħol il-kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet quddiemha, jew inkella f'dawk iċ-ċirkustanzi fejn dik il-Qorti tkun għażlet bejn żewġ possibilitajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli.[1] Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***George Galea v. Maria Carmela sive Marica Baldwin***, xogħol il-Qorti fl-istħarriġ

[1] Ara fost ħafna oħrajn is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Rosaria Maria Mamo et v. Dael Theuma Whitelaw,*** deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2023, (App. Ċiv. 838/2019/1), u ***Philip Gauci et. v. Alfred Gauci et.***, deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu 2019 (App. Ċiv. Nru. 37/2004/1);

ta' aggravju ta' din ix-xorta, huwa propju li: *"tara li bla ma tissostitwixxi l-fehma jew l-apprezzament tagħha tal-fatti mressqa, tqis jekk minn dawk il-provi l-ewwel Qorti setgħetx raġonevolment tasal għall-fehma li tkun waslet għaliha u jekk dik il-fehma hijiex kontradetta mill-provi li hija kellha jew jekk it-tifsir mogħti minnha għal dawk il-provi huwiex tali li persuna raġonevoli ma tasalx biex tagħmlu."*;[2]

19. Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha li tressqu fl-atti u dan fil-qafas tal-parametri li għadhom kif qed jiġu msemmija, din il-Qorti jidhrilha li l-appell ewlieni huwa mistħoqq biss sa fejn għandhom x'jaqsmu dawn l-oġġetti:

(a) il-*'welding set'* li jinsab fil-garaxx tal-konvenut f'Bulebel iż-Żgħir;

(b) l-oġġetti li qegħdin fil-kantina tar-residenza tal-konvenut u ċjoè: (i) s-sitt (6) rollijiet tax-xibka tas-serer; (ii) l-erbgħa u għoxrin (24) roll tal-karti bil-kitba; (iii) l-*'plastic sleeves'*; (iv) il-ħadid tat-taraġ; (v) iż-żewġ kaxxi *t-shirts* tad-ditta u '*lott'* linef; (vi) kif ukoll l-*'oasis bases', 'swags'* u *'plastic forks'*; u

(c) it-tliet muturi tal-ħart u ċjoè dawk: (i) tad-*diesel* tal-marka *'Lombardini'*; (ii) tal-*petrol 2-stroke*; u (iii) tal-marka *koti-m (titan)*;

---

[2] App. Ċiv. Nru. 90/14/1FDP, deċiża fil-11 ta' Ottubru 2022.

20. Sa fejn għandu x'jaqsam mal-'***welding set***' li jinsab fil-garaxx tal-konvenut f'Bulebel iż-Żgħir, il-Qorti rat li f'affidavit li tressaq mill-attur, John Bonavia stqarr li l-*'welding set'* li l-attur qed jitlob f'din il-kawża u li jinsab imniżżel fil-lista 'Dok GA1'[3] kien tahulu huwa stess, u dan wara li ma kienx jagħmel użu minnu.[4] L-istess verżjoni ġiet ukoll imtennija minn martu Mary Grace Bonavia, li tiġi bint l-attur.[5] Għalkemm il-konvenut għamel kontroeżami kemm lil John Bonavia,[6] kif ukoll lil Mary Grace Bonavia,[7] huwa naqas għalkollox milli jistaqsihom dwar dan il-*'welding set'.* Hekk ukoll, il-konvenut lanqas ma ressaq xi prova li permezz tagħha wera li dak il-*'welding set'* kien tiegħu. Il-Qorti rat ukoll li fis-sentenza appellata m'hemm l-ebda konsiderazzjoni li tista' tispjega għalfejn l-Ewwel Qorti ma ħassitx li kellha tilqa' l-ewwel talba tal-attur sa fejn għandu x'jaqsam dan il-*'welding set',* u fiċ-ċirkustanzi tħoss li flimkien mal-oġġetti li tniżżlu fir-raba' paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti kellha wkoll tordna lill-konvenut sabiex irodd lura lill-attur dan il-*'welding set'*;

21. Fir-rigward ta' dawk **l-oġġetti li ġew imniżżla f'paragrafu (19)(b) ta' din is-sentenza**, u ċjoè dawk li qegħdin fil-kantina tar-residenza tal-

[3] Fol.17.
[4] Ara l-affidavit ta' John Bonavia, fol. 56.
[5] Ara l-affidavit ta' Mary Grace Bonavia, fol. 58.
[6] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' John Bonavia li sar waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar, 2017, fol. 280 – 283.
[7] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Mary Grace Bonavia li sar waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar, 2017, fol. 255—279.

konvenut, il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti kellha wkoll tordna lill-konvenut sabiex irodd lura lill-attur dawk l-oġġetti, u dan b'żieda mal-oġġetti li tniżżlu fir-raba' paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata. Il-Qorti qed tgħid hekk għaliex, fl-affidavit tiegħu, il-konvenut stess ammetta li l-oġġetti kollha li tniżżlu f''Dok. GA2' ma kinux tiegħu u kienu tpoġġew hemmhekk minn missieru.[8] Il-konvenut saħansitra jgħid li huwa kien talab lil ħutu u lil missieru sabiex ineħħu dawn l-oġġetti minn ħwejġu,[9] u għalhekk f'ċirkustanzi bħal dawn, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti ma kellhiex tordna lill-konvenut sabiex irodd lura lill-attur dawk l-oġġetti kollha li ssemmew f''Dok GA2', u dan għajr għas-sufan u l-pożambrella bl-irħama li mhijiex tal-attur, iżda ta' Marthese Azzopardi, li tiġi oħt il-konvenut. Dwar din tal-aħħar, il-Qorti għalkemm mhijiex ser tkun qed tagħti xi ordni speċifika dwarha u dan peress li Marthese Azzopardi mhijiex parti minn din il-kawża, tittama li jirrenja s-sens komun u jiġu evitati piki li m'hemmx posthom bejn l-aħwa!

22. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mat-**<u>tliet muturi tal-ħart</u>**, li din id-darba jiffurmaw parti mill-azzjoni rikonvenzjonali tal-konvenut u li l-Ewwel Qorti ordnat lill-attur sabiex jirritornahom lura lill-konvenut u dan fost l-oġġetti li ġew imniżżla f'paragrafu tlieta tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, il-Qorti tħoss li anke hawnhekk, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex raġonevoli. Il-Qorti hija ta' din il-fehma għaliex f'dan

[8] Ara l-affidavit tal-konvenut Anthony Azzopardi, fol. 104.
[9] Id.

ir-rigward u b'kuntrast għal ħafna mill-bqija tal-oġġetti li huma l-mertu tal-azzjoni rikonvenzjonali, il-konvenut naqas għalkollox milli jressaq imqar l-iċken spjega dwar kif u meta huwa akkwista dawn il-muturi tal-ħart. Hekk ukoll l-appellant naqas milli jressaq xi rċevuta jew kitba li permezz tagħha wera li kien huwa li xtara dawn l-oġġetti. Lanqas m'hemm xi indikazzjoni li dawn l-muturi kienu parti mis-sett ta' inġenji li nxtraw mingħand Frans Borg ta' Ħal Qormi. F'ċirkustanzi bħal dawn, il-Qorti tħoss li l-konvenut bħala rikonvenzjonant japplika għalih il-prinċipju ta' *actore non probante reus absolvitur*;

23. Mill-bqija, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kritika tal-attur lejn is-sentenza appellata mhijiex mistħoqqa;

24. Pereżempju u sa fejn għandu x'jaqsam (i) maż-żewġ ***tractors* bil-qaffa mudell 135B u 165**; (ii) il-***'combined harvester'* mudell M31**; (iii) il-***'baler'* tad-ditta '*John Dyer*'**; (iv) il-**lembut taż-żriegħ tal-qamħ**; (v) **is-sikka ta' bi tnejn**; (vi) ir-***'ripper'***; (vii) **il-geddiesa tal-mudell *'Kuhn'***, kif ukoll (viii) **il-karru tad-demel**; din il-Qorti osservat li filwaqt li l-attur stess tenna li dawn l-oġġetti nxtraw mingħand ċertu Frans Borg minn Ħal Qormi,[10] min-naħa tiegħu dan Frans Borg (li tressaq bħala xhud mill-attur stess) għamilha ċara bil-bosta li huwa kien biegħ l-inġenji tiegħu lill-

[10] Ara l-affidavit ulterjuri ta' Orazio Azzopardi, fol. 81 sa 83, fejn jirreferi għal dan il-makkinarju wieħed, wieħed, u jgħid inxtraw mingħand Frans Borg.

konvenut Anthony Azzopardi u mhux lill-attur.[11] Barra minn hekk, u tal-istess relevanza huwa l-fatt li għalkemm l-attur insista li huwa xtara dawn l-oġġetti kollha għall-prezz ta' ħamest elef ewro (€5,000.00), Frans Borg, filwaqt li stqarr li l-attur kien tassew għaddielu dan il-pagament, spjega li dawk il-flus kienu dovuti lilu bħala parti minn ammont akbar li kellu jagħtih il-konvenut.[12] Fil-fatt, irrakkonta li hekk kif l-attur kien għaddielu dawk il-flus huwa qallu *"jiena lil Twanny tlabthom"*.[13] L-istess Frans Borg żied jgħid ukoll li għall-bejgħ ta' dawk l-oġġetti kollha, huwa kien tħallas b'kollox mill-konvenut Anthony Azzopardi mal-għoxrin elf lira Maltin (LM20,000.00),[14] li tahomlu bin-nifs u dan sa madwar sena qabel li tressaq jixhed f'din il-kawża, u ċjoè sas-sena 2015.[15] Ta' min jgħid ukoll li kemm ix-xhieda tal-konvenut b'rabta max-xiri ta' dawn l-oġġetti, kif ukoll il-verżjoni ta' Frans Borg, hija wkoll imsaħħa minn ċertu dokumenti oħra, bħal pereżempju l-iskrittura privata li fiha ġiet dokumentata tranżazzjoni li saret bejn Frans Borg u l-konvenut,[16] kif ukoll mid-dokumentazzjoni li ġiet ippreżentata mix-xhud tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, li turi kif fis-sena li ġiet iffirmata dik l-iskrittura (2004), il-konvenut kien tassew akkwista ż-żewġ *tractors* mingħand Frans Borg.[17] F'ċirkustanzi bħal dawn, din il-Qorti fi żgur ma tistax tgħid li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha

---

[11] Ara traskrizzjoni tax-xhieda ta' Frans Borg, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar, 2016, fol. 71 sa 79.
[12] Fol. 75
[13] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Frans Borg, li sar waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju, 2017, fol. 354 *tergo.*
[14] Fol. 77, u fol. 354 *tergo.*
[15] Fol. 78.
[16] Ara 'Dok A9', fol. 131 u l-kontroeżami ta' Frans Borg, li sar waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju, 2017, fol. 354.
[17] Ara Dok SC2 u SC3, fol. 289 sa 292.

x'taqsam mal-makkinarju msemmi f'dan il-paragrafu hija rraġonevoli, anzi żżid tgħid li taqbel magħha għalkollox;

25. Hekk ukoll, din il-Qorti lanqas ma ssib xejn x'tiċċensura f'dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li permezz tagħha ordnat lill-attur irodd lura lill-konvenut: (i) **it-tank tal-bexx bil-*'liner'* ta' 400 litru mixtri mingħand Gaetano Caruana Ltd**.; (ii) **id-*'driller'* metabo tal-idejn**; (iii) il-'***power wash'*** u (iv) "**l-pajpijiet, *'sprinklers', 'cocks', 'fittings'* u partijiet simili**". Għal dawn l-affarijiet kollha, il-konvenut ressaq għadd ta' rċevuti flimkien mal-affidavit tiegħu li huma maħruġa f'ismu, u fuq in-numru tal-VAT personali tiegħu.[18] Għalkemm huwa minnu li attur jipprotesta li dawn l-irċevuti ma kellhomx jitqiesu bħala prova favur il-konvenut u dan għaliex jgħid li huwa kien raddlu lura l-flejjes kollha li jidhru fuq dawk l-irċevuti, il-konvenut min-naħa l-oħra ċaħad dan kollu bil-qawwa u spjega li huwa kien jiġi rimborsat biss ta' dawk l-irċevuti li jkun maħruġa f'isem missieru u mhux f'ismu personali.[19] Qal ukoll li huwa ma kienx jiġi rimborsat tal-ispejjeż li kieku ma kienx jippreżenta l-irċevuta.[20] Fil-kuntest ta' dawn il-verżjonijiet opposti għalkollox, l-Ewwel Qorti għażlet li temmen il-verżjoni tal-konvenut fuq dik tal-attur, u dan għaliex qieset li l-attur wera għal għadd ta' drabi li ma kienx kredibbli u konsistenti fix-xhieda tiegħu, filwaqt li l-konvenut kien konsistenti. Din il-Qorti ma ssib xejn ħażin f'dan ir-

[18] Ara f'dan is-sens '**Dok A2'** fol. 109, u '**Dok A10'** u '**Dok A11'**, minn fol. 132 sa 174.
[19] Ara l-kontroeżami tal-konvenut Anthony Azzopardi, fol. 328-329.
[20] Ara l-affidavit tal-konvenut Anthony Azzopardi, fol. 102.

raġunament tal-Ewwel Qorti u dan għaliex minbarra li l-Ewwel Qorti kellha tassew raġun meta osservat li l-attur ma kienx konsistenti fix-xhieda tiegħu, f'kull każ, huwa magħruf sewwa li f'materja ta' kunflitt ta' provi, il-Qorti għandha l-ewwel u qabel kollox tqis liema waħda miż-żewġ verżjonijiet tal-fatti hija l-aktar waħda verosmili u dan fiċ-ċirkustanzi żvarjati tal-ħajja u fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[21] F'dan il-każ l-Ewwel Qorti dehrilha li l-verżjoni tal-konvenut kienet aktar verosimili minn dik tal-attur, u f'ċirkustanzi bħal dawn, din il-Qorti ma tarax li hemm lok fejn għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ġie mwettaq mill-Ewwel Qorti;

26. F'kull każ, din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-attur li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis il-verżjoni tal-konvenut bħala aktar verosimili minn dik tiegħu. Għalkemm l-attur jipprova jiżra' d-dubju billi jisħaq li fiċ-ċirkustanzi li kien jaħdem fihom u bil-paga li kellu, il-konvenut ma setax kellu biżżejjed flus biex jakkwista l-oġġetti kollha li l-Ewwel Qorti sabet li huma tiegħu, din il-Qorti ma taqbilx. Mix-xhieda ta' Frans Borg, li mingħandu l-konvenut xtara l-parti l-kbira tal-makkinarju li huwa l-mertu tal-kontrotalba tiegħu, jirriżulta li l-konvenut ma qabadx u ħareġ is-somma ta' għoxrin elf lira Maltin f'daqqa, iżda f'pagamenti żgħar u dan fuq medda twila ta' snin.[22] Barra minn hekk, bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti ma ssib xejn inverosimili

---

[21] Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawżi fl-ismijiet ta' ***Fidele sive Teddy Aquilina et. v. Stephen Buttigieg,*** deċiża fis-26 ta' Ottubru, 2022 (Rik. Nru. 317/2015/1); u ***Paul Attard v. Direttur Ġenerali (Dwana),*** deċiża fit-30 ta' Marzu, 2022, (Rik. Nru. 1193/2013/1).
[22] Ara x-xhieda ta' Frans Borg, fol. 78,

fil-fatt li l-konvenut kien qed jixtri dan il-makkinarju biex iħaffiflu xogħlu u jinvesti fil-futur tiegħu, f'ċirkustanzi fejn missieru stess kien qed itarraflu li 'l quddiem dak in-negozju kien ser ikun kollu tiegħu, u li dak kollu li kien qed jagħmel hemmhekk kien għalih;[23]

27. Fuq ix-xaqliba l-oħra, din il-Qorti ma tlumx lill-Ewwel Qorti li qieset lill-attur bħala xhud mhux kredibbli, inkonsistenti u evażiv. Fir-rikors tal-appell, l-attur stess jikkonċedi li l-Ewwel Qorti osservat tajjeb li huwa ma kienx kapaċi jiftakar uħud mid-dettalji li ġew mistoqsija lilu, madankollu, huwa jipprova jiġġustifika dan billi jargumenta li dan ma kienx sforz tal-fatt li ried ikun evażiv, iżda frott tal-età avvanzata li għandu. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-argument m'għandux mis-sewwa u l-attur ma qed jagħmel xejn għajr li jipprova jbella' r-ross bil-labra! F'dan ir-rigward il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tgħid aktar għajr li tfakkar lill-attur li għall-mistoqsija partikolari li saritlu mill-Ewwel Qorti fl-aħħar kontroeżami li sarlu, huwa wieġeb lill-Qorti b'dan il-mod: *"Le, u t-tifel ma ammettiex kemm ħallas* ***u jiena naf kemm ħallas għax lili qalli, imma jien mhux ser ngħid****"*![24]

28. Il-Qorti lanqas ma ssib ta' fejda l-ilmenti tal-attur dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li r-reġistru tal-ispejjeż li ġie ppreżentat minn bintu

[23] Ara l-kontroeżami tal-konvenut, fol. 328.
[24] Estratt meħud mit-traskrizzjoni tal-kontroeżami tal-attur li sarlu waqt is-seduta tal-14 ta' Lulju, 2017, fol. 371 *tergo.*

Marthese Azzopardi kien "iffalsifikat", u li dik l-istess Qorti ma tatx piż xieraq lix-xhieda ta' wliedu Marthese Azzopardi u Mary Grace Bonavia. Għalkemm fl-affidavits tagħhom, dawn tal-aħħar 'ikkonfermaw' li l-affarijiet li qed jitlob missierhom f'din il-kawża huma kollha tiegħu u mhux ta' ħuhom Anthony Azzopardi, meta ġew biex jixhdu in kontroeżami, it-tnejn li huma wrew kif il-Qorti ma setgħetx toqgħod fuqhom. Fil-fatt, mill-kontroeżami tat-tnejn li huma rriżulta li dawn ma kinux midħla tax-xogħol tal-għalqa, tant li filwaqt li Mary Grace Bonavia ammettiet li ma kinitx taf x'kienu l-affarijiet kollha li kien qed jitlob missierha fil-kawża, u lanqas ma kienet taf x'kienu l-oġġetti li missierha kien allegatament xtara mingħand Frans Borg,[25] oħtha Marthese Azzopardi ammettiet li ma kintix taf jekk ħuha Anthony Azzopardi kellux xi makkinarju tiegħu personali.[26] Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar ir-reġistru tal-ispejjeż,[27] il-Qorti tqis li rrispettivament minn kull argument dwar il-ġenwinità ta' dak id-dokument, f'kull każ, l-informazzjoni li tirriżulta minn dak id-dokument mhijiex speċifika biżżejjed biex ixxejjen it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut, u wisq anqas suffiċjenti biex tipprova li l-attur huwa s-sid tal-oġġetti kollha li niżżel fil-listi 'Dok GA1'[28] u 'Dok GA3';[29]

[25] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Mary Grace Bonavia, li sar waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar, 2017, fol. 274 u 275.
[26] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Marthese Azzopardi, li sar waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru 2016, fol. 233.
[27] 'Dok MA1', fol. 26-40.
[28] Fol. 17.
[29] Fol. 19.

29. Fuq nota aħħarija, il-Qorti tinnota li fit-talbiet finali tar-rikors tal-appell ewlieni, l-attur talab ukoll sabiex tiġi kanċellata dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha ntlaqghu r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut li tqajmu bħala difiża għall-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tad-danni. Għalkemm talab dan, l-attur però naqas għalkollox milli jsostni din it-talba b'xi argumenti speċifiċi, u fuq hekk biss din it-talba għandha tiġi miċħuda.[30] Bla ħsara għal dan, il-Qorti jidhrilha li f'kull każ, l-Ewwel Qorti għamlet sew li laqgħet ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut, filwaqt li ċaħdet għalkollox it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tal-attur. Kif ingħad tajjeb fis-sentenza appellata, l-attur naqas għalkollox milli jressaq imqar l-iċken prova dwar it-telf ta' qligħ jew danni materjali li allega li ġarrab, u għaldaqstant l-attur ma jista' qatt jippretendi li l-Qorti għandha tordna lill-konvenut sabiex iħallsu d-danni;

30. Meqjus dan kollu, din il-Qorti jidhrilha li l-attur Orazio Azzopardi, ma jista' qatt jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet kollha tiegħu filwaqt li tiċħad l-azzjoni rikonvenzjonali tal-konvenut fis-sħiħ tagħha. Fid-dawl ta' dan, l-**<u>appell ewlieni</u>** qiegħed għalhekk jintlaqa' biss sa fejn għandu x'jaqsam mal-oġġetti li tnizzlu **<u>f'paragrafu 19</u>** ta' din is-sentenza;

31. Imiss issa li jitqies l-**<u>appell inċidentali</u>** tal-konvenut Anthony Azzopardi li fih qed jitressqu żewġ aggravji;

---

[30] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Alicia Meliak v. Coldomiro Meilak,*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Mejju, 2022 (Rik. 174/2014/1).

32. Fl-**<u>ewwel aggravju tal-appell inċidentali</u>** l-konvenut qiegħed jirreferi għall-ewwel u t-tieni talbiet rikonvenzjonali tiegħu u jargumenta li hekk kif ġiet biex tfassal is-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti 'naqset' milli tindika ċertu oġġetti li ġew imniżżla minnu fil-lista ta' oġġetti li hemeż flimkien mal-affidavit tiegħu (Dok A12).[31] L-oġġetti li jirreferi għalihom il-konvenut huma dawn:

(a) il-*'Baler'* Massey Ferguson;

(b) ix-xafra tal-ħsad mudell '*Kone'*;

(c) Il-pompa tal-ħama;

(d) it-tank tal-bexx komplut bil-*'liner'* ta' 200 litru;

(e) Il-*lot* ta' *'spare parts'* li "jistgħu jkunu" fil-garaxx tiegħu li qed jgħid li ma jistax jaċċedi għalih;

(f) Il-geddiesa tal-mudell Taljan;

(g) Il-pompa tal-ilma *2 inch electric single phase*;

[31] Fol. 175-176.

(h) Il-pompa tal-ilma *3 phase*;

33. Skont il-konvenut rikonvenzjonant, l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni tajba biex toqgħod lura milli tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex iroddlu lura dawn l-oġġetti u dan għaliex, fi kliemu, huwa ressaq l-istess provi kemm fir-rigward ta' dawn l-oġġetti kif ukoll fir-rigward tal-oġġetti l-oħrajn li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet rikonvenzjonali dwarhom. Jgħid ukoll li l-attur, fl-ebda ħin m'għamel xi referenza lejn dawn l-oġġetti, u skont il-konvenut 'jidher' li dawn l-oġġetti ma ġewx indikati fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata 'bi żball ġenwin'. Iżid jgħid li 'bi żball ġenwin' ieħor, l-Ewwel Qorti ordnat illi *"r-reaper ta' 6 piedi"* għandu jiġi ritornat lilu, mandanakollu l-Ewwel Qorti kellha tagħmel referenza għal żewġ oġġetti u ċjoè (i) ir-*ripper* u (ii) ir-romblu ta' sitt piedi. Skont il-konvenut, dan il-fattur ikompli jikkonferma kemm l-Ewwel Qorti riedet tilqa' t-talbiet tiegħu fir-rigward tal-oġġetti kollha li ssemmew minnu f''Dok A12';

34. Inċidentalment, l-attur Orazio Azzopardi laqa' għal dan l-aggravju billi ssottometta li dan l-aggravju huwa 'null' għaliex il-liġi ma tagħtix lok għal appell *ab omissa decisione.* Skont l-attur, ir-rimedju tal-konvenut kien dak imniżżel fl-artikolu 235 tal-Kap 12, u ċjoè li fi żmien ħmistax-il jum mis-sentenza kellu jsir rikors li bih kellu jitlob lill-Ewwel Qorti sabiex

taqta' dik 'it-talba'. L-attur ikompli jgħid li fin-nuqqas ta' dak ir-rikors, li ma sarx, il-konvenut għandu issa r-rimedju li jerġa' jressaq kawża oħra dwar dawk l-oġġetti. B'mod sussidjarju, l-attur imbagħad jargumenta li jekk din il-Qorti ma tqisx dan l-aggravju bħala 'null', għandu jirriżultalha li "effettivament l-Ewwel Onorabbli Qorti ppronunzjat ruħha fuq uħud mill-għodda u l-aġġeġġi" li ġew imsemmija mill-konvenut fl-appell inċidentali;

35. F'dan il-kuntest, il-Qorti tibda biex tgħid li ma taqbilx mal-attur li l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali huwa null għaliex jaqa' taħt il-każ ta' *'ab omissa decisione'.* Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ ma jistax jingħad li l-Ewwel Qorti ħalliet *"barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti"* kif jgħid l-artikolu 253 tal-Kap. 12. Kemm hu hekk, minn ħarsa lejn it-tielet paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li kienet qed: *"[t]ilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant* ***limitament għall-oġġetti li ser jiġu deskritti hawn taħt****".* Fil-fehma tal-Qorti, dan il-kliem ma jfisser xejn għajr li l-Ewwel Qorti kienet qed **tiċħad** l-ewwel u t-tieni talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant u dan sa fejn għandu x'jaqsam ma' dawk l-oġġetti li tħallew barra f'dak il-paragrafu. Dan kollu jirriżulta wkoll mit-tieni paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata fejn hemmhekk, l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li ma kinitx qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat għalkollox, iżda "*limitament għall-oġġetti li ser jiġu indikati aktar 'l isfel*";

36. Issa li nghad dan, il-Qorti jidhrilha li fil-parti l-kbira tiegħu dan l-aggravju xorta waħda mhuwiex fondat. Ibda biex li kif jgħid sewwa l-attur, l-Ewwel Qorti inkludiet: (i) **il-pompa tal-ħama**, (ii) **il-pompa tal-ilma *2 inch electric single phase***, u (iii) l**-pompa tal-ilma *3 phase***, fir-raba' paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata. Barra minn hekk, fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti għamlitha wkoll ċara biżżejjed li: *"l-pompa tal-ħama li ġiet akkwistata mingħand ħut Frans Borg, ... u ż-żewġ pompi tal-ilma, dik single phase u dik 3 phase, għandhom jingħataw lill-attur, jew jibqgħu miżmuma minnu stante l-allegazzjoni tal-konvenut li dawn diġà qegħdin fil-pussess tiegħu".* Mhuwiex għalhekk il-każ li l-Ewwel Qorti ''bi żball' naqset milli tinkludi dawn l-oġġetti fil-lista ta' oġġetti li għandhom jintraddu lura lill-konvenut. F'kull każ, il-konvenut lanqas ma ressaq argumenti sodi biżżejjed li jispjegaw għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tiegħu u dan anke fir-rigward ta' dawn l-oġġetti. Fuq kollox din il-Qorti lanqas ma jidhrilha li l-appellant irnexxielu jressaq xi prova tajba biżżejjed li biha wera kif dawn l-oġġetti huma tiegħu;

37. Hekk ukoll mhuwiex mistħoqq l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali u dan sa fejn għandu x'jaqsam: (i) **mal-*'baler' Massey Ferguson***, (ii) il-**geddiesa tal-mudell Taljan**; u (iii) il***-lot ta' 'spare parts'***. Dwar dawn tal-aħħar, u ċjoè l-*lot* ta' *'spare parts',* il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma jista' qatt jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-

talba tiegħu meta lanqas biss ma ndenja ruħu li jispeċifika x'kienu dawn l-*'ispare parts',* u agħar minn hekk, meta huwa stess niżżel li dawn "*suppost qegħdin fil-garaxx*" tiegħu stess![32] Jekk 'suppost qegħdin' fil-garaxx tiegħu, allura m'hemm xejn x'jiġi ritornat. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-*'baler'* Massey Ferguson u l-geddiesa tal-mudell Taljan, il-Qorti tosserva li dan il-makkinarju ma kienx imniżżel bħala parti mill-makkinarju li l-konvenut oriġinarjament niżżel f'paragrafu 5 tar-rikors maħluf, u zdiedu fil-lista li nthemżet mal-affidavit tiegħu u mmarkata bħala 'Dok A12'. L-istess, hawnhekk il-konvenut naqas għalkollox milli jressaq l-iċken spjegazzjoni dwar kif, mingħand min u meta xtara dawn l-oġġetti, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tlum lill-Ewwel Qorti li ma nkludietx lil dan il-makkinarju bħala parti mill-oġġetti li l-attur għandu jroddlu lura;

38. Ma jistax però jingħad l-istess: (i) **<u>għax-xafra tal-ħsad tal-mudell *'Kone'*</u>**, (ii) **<u>it-tank tal-bexx komplut bil-*'liner'* ta' 200 litru</u>**, u (iii) **<u>r-romblu tas-sitt piedi</u>**. Mill-provi jirriżulta li dawn it-tliet oġġetti kienu parti mit-tagħmir li nkiseb mingħand Frans Borg.[33] Kif rajna aktar kmieni, Frans Borg kellu x'jaqsam biss mal-konvenut u mhux mal-attur, u fid-dawl ta' dak li ntqal aktar kmieni,[34] il-Qorti tħoss li l-konvenut rikonvenzjonant għandu raġun jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tinkludi dawn l-oġġetti flimkien

---

[32] Ara 'Dok A12', fol. 175.
[33] Ara fost l-oħrajn: (i) l-iskrittura ffirmata bejn Frans Borg u l-konvenut, li fiha ssir referenza għal "xafra tal-ħsad", fol. 131; (ii) l-affidavit tal-attur li fih jammetti li t-tank tal-bexx komplut bil-*'liner'* ta' 200 litru kien parti mill-għodda li ġew akkwistati mingħand Frans Borg, fol. 82; u (iii) ix-xhieda ta' Frans Borg, mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2015, fol. 76.
[34] Ara paragrafu 24 ta' din is-sentenza.

mal-lista tal-oġġetti li tniżżlu fit-tielet paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata;

39. L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali qiegħed għalhekk jintlaqa' biss sa fejn għandhom x'jaqsmu l-oġġetti msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan;

40. Jifdal biss it**-tieni aggravju tal-appell inċidentali** li fih il-konvenut qiegħed jilmenta mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż. Il-konvenut jgħid li dawn il-proċeduri saru unikament tort tal-attur u dan b'tentattiv qarrieqi li jipprova jieħu dak li mhuwiex tiegħu. Jgħid ukoll li missieru l-attur ma ddejjaqx jixhed il-falz quddiem l-Ewwel Qorti u li għalhekk mhuwiex sewwa li huwa ġie ordnat biex ibati nofs l-ispejjeż tal-kawża;

41. Għalkemm din il-Qorti qed tifhem lill-konvenut, xieraq jitfakkar li l-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż hija regolata mil-liġi u dan fl-artikolu 223 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn qari tat-tieni sub-inċiż ta' dan l-artikolu jirriżulta li qsim tal-ispejjeż bejn il-partjiet f'każ illi kull parti tkun telliefa f'xi punt tal-kawża hija kwistjoni mħollija għalkollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti.[35] Peress li f'dan il-każ, iż-żewġ partijiet kienu tabilħaqq telliefa

[35] Ara f'dan is-sens is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Peter Paul Lanzon et v. L-Avukat tal-Istat et.*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2021 (Rik.. 112/2018/1).

f'xi punt tal-kawża, il-Qorti ma tarax li hemm lok li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-ħlas tal-ispejjeż;

42. It-tieni aggravju tal-appell inċidentali qiegħed għalhekk jiġi miċħud;

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' parzjalment** kemm l-appell ewlieni kif ukoll l-appell inċidentali, u b'hekk qed **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Frar, 2018, u dan billi:

(i) Tilqa' limitatament l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur Orazio *sive* Grezzju Azzopardi u dan ukoll fir-rigward: tal-*'welding set'* li jinsab fil-garaxx tal-konvenut f'Bulebel iż-Żgħir, is-sitt (6) rollijiet tax-xibka tas-serer, l-erbgħa u għoxrin (24) roll tal-karti bil-kitba, il-'*plastic sleeves'*, il-ħadid tat-taraġ, iż-żewġ kaxxi '*t-shirts'* tad-ditta u l-lott linef, kif ukoll l-'*oasis bases', 'swags'* u l-frieket tal-plastik, li jinsabu maħżuna fil-kantina tar-residenza tal-konvenut Anthony Azzopardi, u tikkundanna lill-istess Anthony Azzopardi sabiex jirritorna lura dawn l-oġġetti lil Orazio *sive* Grezzju Azzopardi flimkien mal-oġġetti msemmija fir-raba' paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, u dan fi żmien tletin (30) jum mid-data ta' din is-sentenza;

(ii) Tħassarha limitatament sa fejn laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant Anthony Azzopardi u dan biss fir-rigward: tal-mutur tal-ħart tad-ditta '*Lombardini*", il-mutur tal-ħart tal-*petrol,* u l-mutur tal-ħart *'Koti-m'*;

(iii) Tilqa' limitatament l-ewwel u t-tieni talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant Anthony Azzopardi u dan ukoll fir-rigward tax-xafra tal-ħsad tal-mudell *'Kone',* it-tank tal-bexx komplut bil-*'liner'* ta' 200 litru, u r-romblu ta' sitt piedi, u tikkundanna lil Orazio *sive* Grezzju Azzopardi sabiex jirritorna lura dawn l-oġġetti lil Anthony Azzopardi u dan flimkien mal-oġġetti msemmija fit-tielet paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, bl-eċċezzjoni tal-muturi tal-ħart imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, u dan fi żmien ta' tletin (30) jum mid-data ta' din is-sentenza;

Mill-bqija, tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell ewlieni għandhom jiġu maqsuma fil-proporzjon ta' tliet kwarti ($^3/_4$) għal Orazio *sive* Grezzju Azzopardi, filwaqt li l-kwart ($^1/_4$) rimanenti għal Anthony Azzopardi.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell inċidentali għandhom imbagħad jiġu mħallsa fil-proporzjon ta’ tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) minn Anthony Azzopardi, filwaqt li kwart ($^{1}/_{4}$) l-ieħor minn Orazio *sive* Grezzju Azzopardi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm